MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2006

Numru. 661/2005

**Pulizija**
**Sp Daniel Zammit**
**vs**
**Mary Rose Silvio**
**Jeanette Pace**

**Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Mary Rose Silvio ta' 39 sena bint John u Mary nee Buttigieg, mwielda Pieta nhar il-15 ta' Novembru 1965, ID 527765(M) u resident gewwa Block B no 13 Fountain Street Valletta**

**u**

**Jeanette Pace ta' 36 sena bint John u Mary nee Buttigieg mwielda Isla nhar l-24 ta' Gunju 1969, ID 324069(M) u residenti gewwa St. Gabriel Flat C, Brared Street B'Kara.**

**Akkuzati talli bejn Gunju 2004 u Gunju 2005 gewwa Ta' Sliema u gewwa dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin minnhom fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda:**

**Talli bejn April 2005 u Gunju 2005 fi tlett okkazzjonijiet differenti serqu minn gewwa BHS Triq ix-Xatt Sliema ghad-dannu tas-sidien ta' l-istess hanut, liema serq jaqbez l-LM10 izda mhux il-LM100;**

**Talli bejn April 2005 u Gunju 2005, fi tlett okkazzjonijiet differenti serqu minn gewwa Marks & Spencer, Triq ix-Xatt, Sliema ghad-dannu tas-sidien ta' l-istess hanut, liema serq jaqbez l-LM10 izda mhux iktar minn LM100.**

**Talli bejn Jannar 2005 u Gunju 2005, f'erba okkazzjonijiet differenti serqu minn gewwa Marska & Spencer, Triq it-Teatru l-Qadim Valletta ghad-dannu tas-sidien ta' l-istess hanut, liema serq jaqbez l-LM10 izda mhux il-LM100.**

**Talli bejn Gunju 2004 u Gunju 2005, f'erba okkazzjonijiet differenti serqu minn gewwa BHS Triq il-Merkanti Valletta ghad-dannut tas-sidien ta' l-istess hanut, liema serq jaqbez l-Lm10 izda mhux il-LM100.**

**Talli fil-21 ta' Gunju 2005 serqu hwejjeg ghall-valur ta' LM8 minn gewwa Mother Care, Plaza Cmplex, Triq Bisazza Sliema ghad-dannu tas-sidien ta' l-istess hanut.**

**Akkuzati wkoll talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi u fil-granet ta' qabel, xjentament xtraw jew laqghu ghandhom oggetti misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn malta, jew xjentament, b'kull mod iehor li jkunu ndahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Rat l-ammissjoni bikrija ta' l-imputati ghal dawn l-imputazzjonijiet u ghal daqstant l-imputazzjonijiet gew pruvati skond il-ligi, b'dan pero li l-imputazzjoni sitta (6) hija alternattiva ghall-hamsa l-ohra.**

**Il-Qorti wara li rat l-artikoli 8(d) u 284 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputati hatja ta' dawn l-imputazzjonijiet kif dedotti kontriehom izda flok tikkundannahom qed tpoggiehom taht il-harsien ta' Probation Officer ghal sentejn millum. Il-Qorti spjegat l-Artikolu 7 tal-Kap 446 fi kliem semplici lill-imputati.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------